# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Kump. Nru 702/2014

Illum, 09 ta' Jannar, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Antoine Gambin**
**(K.I. 9170M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Antoine Gambin, ta' 44 sena, iben Lewis u Maria Carmela neè Quintano, imwieled Attard nhar l-20 ta' Diċembru 1969, residenti Bay Square Court, App 1/4, Triq Sant' Antnin, Buġibba, detentur tal-Karta tal-Identità numru 9170M u akkużat talli:

> Fl-24 ta' Novembru 2011 u fis-snin ta' qabel f'Malta u/jew f'pajjiżi oħra fil-kapaċità tiegħek personali kif ukoll bħala direttur tal-kumpanija Metis Company Limited (C-21311), b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi hu li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b' mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew ta setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej;

2. talli fl-istess żmien u ċirkustanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamilt xi qligħ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel, għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej;

3. talli fl-istess żmien u ċirkustanzi approprijajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna/i oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej, u l-istess ħaġa ġiet fdata lilek minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħek;

4. talli fl-istess żmien u ċirkustanzi, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza billi tajt tagħrif falz;

5. talli fl-istess żmien u ċirkustanzi għamilt falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamilt użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-artiklu 30(1)(a), 140 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati 22 ta' Settembru 2016[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a) Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 18 u 188(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 18, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikoli 17, 30(1)(a), 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2017 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.[2]

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-12 ta' Ottubru 2021 il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terġa' tisma' x-xhieda li nstemgħu u milli terġa' tara d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni datata d-19 ta' Mejju 2022 u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża magħmula fis-seduta tal-05 ta' Diċembru 2022;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

[1] A fol. 959 tal-Atti proċesswali.
[2] A fol. 958 tal-Atti proċesswali.

Ikkonsidrat;

Illi l-każ *de quo* jikkonċerna allegazzjoni magħmulha mill-*European Anti-Fraud Office*, fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea (hawnhekk aktar 'l-quddiem imsejjħa "OLAF") illi Antoine Gambin kellu nuqqasijiet serji fil-mod ta' kif mexxa, u eventwalment tħallas, il-proġett edukattiv S.A.I.L.

Illi rriżulta li Antoine Gambin, tramite s-soċjetà kummerċjali Metis Company Limited (C-21311), ingħata għotja ta' massimu ta' €200,979, fil-qafas tal-programm Socrates, Minerva Action [grant agreement 2002-3974/101295-CP-1-2002-MT-MINERVA-M] għall-iffinanzjar tal-proġett bl-isem "S.A.I.L.", ċioè Specialised Animated Interactive Learning, liema proġett kellu l-għan li jippromwovi awtonomija tal-istudent u t-taħriġ fil-klassijiet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni bilil jiġu disinnjati *curricula* speċifiċi. Il-proġett ġie finalizzat fit-30 ta' April 2005 u l-proġett rċieva total ta' €174,011.60 mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapport finali ta' Metis Company Limited ġie sottomess lill-*European Education and Culture Executive Agency* (hawnhekk aktar 'l-quddiem imsejjħa "EACEA") fid-29 ta' Lulju 2005[3] u abbażi ta' dan ir-rapport, il-proġett ġie kkunsidrat bħala konkluż.

Illi fl-2006, dan il-proġett intgħażel sabiex isirlu awditjar dettaljat u għal dan l-għan, l-EACEA ingaġġat lid-ditta ta' awdituri Moore Stephens. Filfatt, id-ditta Moore Stephens ikkomunikaw ma Antoine Gambin u għamlu l-audit tagħhom fil-post fejn kien qed jirrisjedi Antoine Gambin dak iż-żmien, ċioè Città della Pieve, Perguia, l-Italia. Minn dan l-eżerċizzju, l-awdituri ma sabux aktar minn 79% tad-dokumentazzjoni ta' support tal-infiq li Metis Company Limited iddikjarat mal-EACEA għal dan il-proġett. B'hekk, id-ditta tal-awdituri irrakkomandat l-irkupru ta' €135,400 mingħand Metis Company Limited, abbażi ta' dawn in-nuqqasijiet.

---

[3] Ara Dok "CP4" a fol. 257 tal-atti proċesswali.

Illi sussegwentement, il-każ għadda għand l-OLAF, fejn l-uffiċjal tagħhom Biagio Fiorito kkomunika ma' Antoine Gambin u talab informazzjoni u dokumentazzjoni b'reazzjoni għall-konklużjonijiet tad-ditta Moore Stephens. Aktar minn hekk, fl-4 ta' Awwissu 2011 OLAF, tramite l-ftehim *Anti Fraud Coordinating Services* (AFCOS), talbu l-assistenza tal-kontroparti tagħhom f'Malta, l-*Internal Audit and Investigations Directorate* (hawnhekk aktar 'l-quddiem imsejjħa "IAID") fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru. Da parti tagħhom, l-IAID għamlu stħarriġ preliminari u talbu wkoll l-assistenza tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jgħinhom fl-investigazzjonijiet. Filfatt, fis-16 ta' Novembru 2011, l-uffiċjali ta' OLAF ġew Malta u intervistaw lil Antoine Gambin, fil-preżenza tal-uffiċjali tal-Pulizija u tal-IAID,[4] b'rabta mal-investigazzjonijiet tagħhom.

Illi dan il-proġett kien jeħtieġ *consortium* ta' persuni jew entitajiet differenti li ġejjin minn bnadi diversi tal-Unjoni Ewropea biex jaħdmu flimkien, filwaqt li wieħed minn dawn l-entitajiet ikun il-*lead partner* tal-proġett. F'dan il-każ, is-soċjetà Metis Company Limited kienet il-*lead partner* tal-proġett filwaqt li l-*partners* l-oħrajn kienu:

- Galassi Distribuzione, l-Italja
- Il-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Malta;
- Teacher's Resource Centre, l-Università ta' Malta;
- Educational Software Products, l-Ingilterra;
- HpCOM, il-Ġermanja;
- Audio Visual Company Ltd, Malta;
- Haagse Hogeschool, l-Olanda;

Illi f'dan il-proġett, is-soċjetà Metis Company Limited, fil-kapaċità tagħha ta' *lead partner* kienet l-entità responsabbli mal-EACEA għall-proġett, l-iffinanzjar tiegħu u l-irappurtar tiegħu. Din is-soċjetà kienet responsabbli, fost l-oħrajn, li tikkoordina l-ħidma bejn il-*partners* kollha u tirċievi l-fondi biex tħallashom ta'

[4] Ara dok "IA1" a fol.18 tal-atti proċesswali.

xogħolhom. Filfatt, ir-relazzjoni li kellhom il-partners kienet mas-soċjetà Metis Company Limited u mhux ma' EACEA. Illi di più, il-pagamenti tal-proġett kienu mqassma fi tlett porzjonijiet: 40% tal-fondi mal-iffirmar tal-kuntratt mal-EACEA, 40% mas-sottomissjoni tar-rapport *interim* u l-aħħar 20% mas-sottomissjoni tar-rapport finali. It-tieni u t-tielet pagamenti saru wara li verifiċi magħmula mill-EACEA.

Ikkonsidrat;

Illi mir-rapport tal-awdituri Moore Stephens[5] jirriżulta li l-EACEA għamlet is-segwenti pagamenti:

| **Payment Date** | **Amount €** |
|---|---:|
| 20 November 2002 | 80.392 |
| 17 March 2004 | 80.392 |
| 27 December 2005 | 13.228 |
| **Total** | **€174.012** |

Min-naħa l-oħra, mill-kontijiet bankarji miżmuma mal-HSBC Bank Malta plc preżentati[6] jirriżulta li dawk il-kontijiet rċevew is-segwenti pagamenti:

- pagament fil-5 ta' Diċembru, 2002 fl-ammont ta' LM32,824.79 (dak iż-żmien ekwivalenti għal €79,156.98)[7] fil-kont tat-tip *current account* bin-numru 009-050584-001, liema fondi ġew trasferiti l-għada fil-kont miżmum mal-istess bank, tat-tip *savings accounts*, bin-numru 009-050584-050;[8]

[5] Ara fol. 356 ta' Dok AD2 preżentat minn Antoine Dalli.
[6] Ara minn Dok AG1 sa AG4, a fol 91 et seq.
[7] Ir-rata tal-kambju skont il-Bank Ċentrali ta' Malta għall-Ewro fil-5 ta' Diċembru 2002 kienet ta' 2.4115. Żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates
[8] Ara fol. 103 tal-atti proċesswali.

- pagament fl-24 ta' Marzu, 2004 fl-ammont ta' LM33,685.27 (dak iż-żmien ekwivalenti għal €79,042.49)[9] fil-kont tat-tip *savings account* bin-numru 009-050584-050;[10]

- pagament fis-27 ta' Diċembru, 2005 fl-ammont ta' LM5,580.53 (dak iż-żmien ekwivalenti għal €12,999.14)[11] fil-kont tat-tip *current account* bin-numru 009-050584-001;[12]

Illi mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Bank Audrey Ghigo[13] jirriżulta li għalkemm dawn il-kontijiet kienu intestati f'isem is-soċjetà Metis Company Limited, il-firmatarja tagħhom kienet ċerta Michelle Gialanzè, ġja Caruana Dingli.

Illi Michelle Michelle Gialanzè, ġja Caruana Dingli, kienet involuta direttament f'dan il-proġett mill-aspett akkademiku. Hi kienet il-firmatarja tal-kuntratt mal-EACEA u kienet meqjusa bħala "Bearer of the Contract" għal għajnejn il-Kummissjoni Ewropea.[14] Fl-intervista rilaxxata minnu lil OLAF, Gambin jispjega li Michelle Gialanzè, ġja Caruana Dingli, kienet il-firmatarja peress li hu ma setax iħaddem kont bankarju minħabba li kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni personali. Il-Qorti tinnota, madanakollu, li fix-xhieda mogħtija minnu stess quddiemha fid-19 ta' Ġunju 2020, hu biddel il-verżjoni tiegħu billi qal li Michelle Gialanzè, ġja Caruana Dingli, kienet il-firmatarja peress li l-Kummissjoni Ewropa dak iż-żmien kienet titlob li jkun hemm "a responsible person different to the Director".[15] Illi fix-xhieda tagħha, madanakollu, Michelle Gialanzè, ġja Caruana Dingli tgħid li hi kienet l-a*cademic coordinator* u Gambin kien jagħmel 'everything else". Tgħid li hi kienet inkarigata milli tgħin l-għalliema jintegraw il-programm ta' software fil-klassijiet tagħhom.[16]

---

[9] Ir-rata tal-kambju skont il-Bank Ċentrali ta' Malta għall-Ewro fl-24 ta' Marzu, 2004 kienet ta' 2.3465. Żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates
[10] Ara fol. 194 tal-atti proċesswali.
[11] Ir-rata tal-kambju għall-Ewro kienet diġà ġiet stabbilita għal 0.4293.
[12] Ara fol. 146 tal-atti proċesswali.
[13] Ara fol. 87 tal-atti proċesswali.
[14] Ara fol. 969 – 970 tal-atti proċesswali.
[15] Ara fol. 969 tal-atti proċesswali.
[16] Ara fol. 226A tal-atti proċesswali.

Ikkunsidrat:

Illi kif diġà msemmi, f'dan il-proġett kien hemm involuti seba' *partners* flimkien mas-soċjetà Metis Company Limited. Mill-ittri rogatorji tal-partners esteri jirriżulta s-segwenti:

Ir-rappreżentant ta' **Education Software Products** Angus Savory[17] jgħid li hu ġie ngaġġat minn Antoine Gambin sabiex iħejji kontenut għal dan il-proġett. Jgħid li għamel xi xogħol fil-proġett u tħallas madwar £4,000. Jgħid li fadallu jieħu £17,590 għal dan il-proġett. Illi l-fatt li sar pagament hu kkonfermat mill-kontijiet bankarji fejn jirriżulta li s-soċjetà Metis Company Limited għamlet versament ta' LM5,297.19 (dak iż-żmien ekwivalenti għal €12,445.75 jew £8,304.93)[18] lil Angus Savory fid-29 ta' Marzu 2004.[19] Illi jirriżulta wkoll li fid-09 ta' Ġunju 2004, s-soċjetà Metis Company Limited għamlet versament ta' LM1,952.39 (dak iż-żmien ekwivalenti għal €4,582.45 jew £3,057.05)[20] lil Educational Software Products.[21]

Ir-rappreżentant ta' **Galassi Distribuzioni** Daniela Galassi[22] tgħid li Antoine Gambin kien avviċinaha sabiex tipparteċipa f'dan il-proġett. Tgħid li kienet ġiet Malta għal laqgħa bejn il-parteċipanti l-oħra. Qalet li kienet għamlet kuntatt ma xi universitajiet għal dan il-proġett iżda wara ftit il-proġett naqas u ma baqgħetx involuta fih. Min-naħa tiegħu, Sergio Galassi,[23] jgħid li  f'dan il-proġett kienet l-aktar involuta oħtu Daniela Galassi. Jgħid li kien sar pagament da parti ta' Antoine Gambin fl-ammont ta' €5,000. Illi mill-kontijiet bankarji eżebiti jirriżulta

---

[17] Ara fol. 524 tal-atti proċesswali.

[18] Ir-rata tal-kambju fid-29 ta' Marzu 2004 tal-Ewro kien ta' 2.3495 filwaqt dak tal-Lira Sterlina kien ta' 1.5678. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

[19] Ara fol. 194 tal-atti proċesswali.

[20] Ir-rata tal-kambju fid-9 ta' Ġunju 2004 tal-Ewro kien ta' 2.3471 filwaqt dak tal-Lira Sterlina kien ta' 1.5658. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

[21] Ara fol. 197 tal-atti proċesswali.

[22] Ara fol. 725 tal-atti proċesswali.

[23] Ara fol. 728 tal-atti proċesswali.

li fl-10 ta' Ġunju 2003 kien sar versament fl-ammont ta' LM1,120.52[24] (dak iż-żmien ekwivalenti għal €2,607.90).[25]

Ir-rappreżentant tas-soċjetà Ġermaniża **HPCom** Ralf Heymann[26] qal li sehemhom fil-proġett kien li jipproduċu madwar seba' films relatati ma persunaġġi differenti, liema films jittrattaw gruppi etniċi żvantaġġati fl-Ewropa. Huma kellhom janimaw grafikament test mgħoddi lilhom. Qal li l-ammont ta' ħin u flus allokati ma kienux suffiċjenti għall-implimentazzjoni kompleta tal-films tagħhom u filfatt sar wieħed biss. Jgħid li saru xi pagamenti: cheque fl-ammont ta' €1,776 datat l-24 ta' Ġunju 2003 li bl-ispejjeż bankarji niżel għal €1,764.75. Jgħid li l-pjan ta' finanzjament tal-proġett kien ta' €34,465.29 u peress li ma kien hemm ebda żvilupp, huma ħarġu fattura f'Ġunju 2004 għall-ammont ta' €32,466. Imbagħad irċevew cheque fl-ammont ta' €6,902.70 datat is-6 ta' Ottubru 2004 u li, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż bankarji ġie kreditat lilhom l-ammont ta' €6,891.33. Ġie mitkellem ukoll **Dirk Heinrich Präger**[27] fejn qal li sal-mument li waqqfu r-relazzjoni tagħhom, l-ispejjeż totali kienu jammontaw għal madwar €30,000 u minn dak l-ammont irċevew ftit inqas minn terz biss.

Ir-rappreżentat ta' **Haagse Hogeschool** Gerard de Kruf[28] qal li hu kien ġie Malta sabiex jiltaqa' mal-partners l-oħra fil-proġett. Qal li l-irwol tiegħu kien li jikkoordina r-riżultati tal-istudenti tagħhom li kienu qed jiżviluppaw materjal edukattiv ġdid billi jimmappjaw il-minoritajiet fl-Ewropa. Jgħid li kellu ħafna kuntatt ma' Michelle Caruana Dingli (illum Gialanzè) u li sa fejn jaf hu l-iskola tiegħu ma ħadet ebda kumpens għal dan ix-xogħol. Illi mill-provi prodotti ma rriżultawx pagamenti li saru lil dan il-partner jew lill-iskola.

Illi r-rappreżentant ta' **Audio Visual Centre Limited** Simon Bonello[29] qal li Antoine Gambin kien impjegat ma' din is-soċjetà bħala Educational Sales

[24] Ara fol. 113 tal-atti proċesswali.
[25] Ir-rata tal-kambju fl-10 ta' Ġunju 2003 tal-Ewro kien ta' 2.3274. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates
[26] Ara fol. 784 tal-atti proċesswali.
[27] Ara fol. 813 tal-atti proċesswali.
[28] Ara fol. 753 tal-atti proċesswali.
[29] Ara fol 217 tal-atti proċesswali.

Consultant. Skontu Gambin qalilhom li kien hemm proġett ta' l-EU fuq software development u ried juża l-isem tal-kumpanija. Qal li huma ma kellhomx involviment f'dan il-proġett u qatt ma' rċevew pagament. Illi mill-kontijiet bankarji eżebiti, madanakollu, jirriżulta li fis-16 ta' Jannar 2003, sar pagament lis-soċjetà Audio Visual Centre Limited ta' LM 1,273[30] (dak iż-żmien ekwivalenti għal €3,033.56)[31] tramite c-cheque numru 185.[32] Ir-raġuni ta' dan il-pagament toħroġ mix-xhieda ta' Antoine Gambin[33] fejn jgħid li dan kien parti mill-pagament tal-proġett.

Illi r-rappreżentant ta' l-**Università ta' Malta** Leonard Bezzina[34] qal li Antoine Gambin kien avviċinah biex jipparteċipa fil-proġett "S.A.I.L." Dak iż-żmien hu kien fit-Teacher's Resource Centre u kienu mitluba jagħmlu żewġ biċċiet xogħol; website kif ukoll ir-research design. Jgħid li sa l-ewwel sena, l-proġett kien miexi tajjeb iżda wara din is-sena ma jafx x'ġara aktar mill-proġett. Jgħid li ma jafx jekk kienx hemm xi pagamenti għal dan ix-xogħol. Illi mill-kontijiet bankarji eżebiti jirriżulta li fis-26 ta' Awwissu 2003 sar pagament lil Teacher's Resource Centre għall-ammont ta' Lm1,072[35] (dak iż-żmien ekwivalenti għal €2,524.99)[36] tramite c-cheque numru 190.[37]

Illi minn dan appena espost jirriżulta li l-partners imsemmija kellhom, tal-inqas f'xi punt, xi tip ta' involviment f'dan il-proġett u saħansitra wħud minnhom anke rċevew xi pagamenti filwaqt li partners oħrajn għadhom qed jistennew li jitħallsu. Dawn il-figuri dikjarati mill-partners, madanakollu, jikkontrastaw bil-qawwi mal-ammonti dikjarati lil EACEA mis-soċjetà Metis Company Limited fir-rapport finali, senjatament l-"Part 3 – Declaration of Expenditure".[38] F'din id-

---

[30] Ara fol. 113 tal-atti proċesswali

[31] Ir-rata tal-kambju fis-16 ta' Jannar 2003 tal-Ewro kien ta' 2.3830. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

[32] Ara fol. 1050 tal-atti proċesswali.

[33] Ara fol. 991 tal-atti proċesswali.

[34] Ara fol. 340 tal-atti proċesswali.

[35] Ara fol. 116 tal-atti proċesswali

[36] Ir-rata tal-kambju fis-26 ta' Awwissu 2003 tal-Ewro kien ta' 2.3554. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

[37] Ara fol. 1055 tal-atti proċesswali.

[38] Ara fol. 286 tal-atti proċesswali.

dikjarazzjoni, a fol. 288, ġie dikjarat minn Antoine Gambin u Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli) li l-partners tħallsu s-segwenti ammonti:

- **Galassi Distribuzione** tħallset total ta' €14,550.92 (Rappreżentanti t-total ta' €2,550.92 dikjarat li ġie mħallas fl-10 ta' Ġunju 2003 u €12,000 dikjarat li ġie mħallas fis-7 ta' Ottubru 2003);

- Il-**Fakultà ta' l-Edukazzjoni** tħallset total ta' LM 4,591.40 (ekwivalenti għal €10,704.29[39] u rappreżentanti t-total ta' LM2,671.49 dikjarat li ġie mħallas fl-1 ta' Ottubru 2003 u LM1,920 dikjarat li ġie mħallas fil-11 ta' Mejju 2005). **Teacher's Resource Centre** tħallset total ta' LM2,873.02 (ekwivalenti għal €6,732.24[40] u rappreżentanti t-total ta' LM2,573.02 dikjarat li ġie mħallas fl-24 ta' Ġunju 2003 u LM300 dikjarat li ġie mħallas fl-1 ta' April 2003);

- **Education Software Products** tħallset total ta' £18,954.56 (ekwivalenti għal €28,568.79[41] u rappreżentanti t-total ta' £1,364.16 dikjarat li ġie mħallas fl-24 ta' Ġunju 2003, £4,800 dikjarat li ġie mħallas fid-9 ta' Ġunju 2004 u £12,794.40 dikjarat li ġie mħallas fid-9 ta' Ġunju 2004);

---

[39] Konvertiti għad-denominazzjoni tal-Ewro għall-valur tad-data tal-pagament dikjarata, abbażi tar-rati tal-kambju pubblikati mill-Bank Ċentrali ta' Malta, jiġu hekk: l-ammont ta' €6,232.05 dikjarat li tħallas fl-1 ta' Ottubru 2003 u l-ammont ta' €4,472.24 dikjarat li tħallas fil-11 ta' Mejju 2005. It-total ta' dawn iż-żewġ figuri, li jirriflettu r-rata tal-kambju prevalenti fid-dati dikjarati, huwa ta' **€10,704.29**.

[40] Konvertiti għad-denominazzjoni tal-Ewro għall-valur tad-data tal-pagament dikjarata, abbażi tar-rati tal-kambju pubblikati mill-Bank Ċentrali ta' Malta, jiġu hekk: l-ammont ta' €6,025.50 dikjarat li tħallas fl-24 ta' Ġunju 2003 u l-ammont ta' €706.74 dikjarat li tħallas fl-1 ta' April 2003. It-total ta' dawn iż-żewġ figuri, li jirriflettu r-rata tal-kambju prevalenti fid-dati dikjarati, huwa ta' **€6,732.24**.

[41] Konvertiti għad-denominazzjoni tal-Ewro għall-valur tad-data tal-pagament dikjarata, abbażi tar-rati tal-kambju pubblikati mill-Bank of England, jiġu hekk: l-ammont ta' €1,971.34 dikjarat li tħallas fl-24 ta' Ġunju 2003 (rata miksuba minn https://www.poundsterlinglive.com/bank-of-england-spot/historical-spot-exchange-rates/gbp/GBP-to-EUR-2003) u l-ammonti ta' €7,256.16 u €19,341.29 entrambi dikjarat li tħallsu fid-9 ta' Ġunju 2004 (rata miksuba minn https://www.poundsterlinglive.com/bank-of-england-spot/historical-spot-exchange-rates/gbp/GBP-to-EUR-2004). It-total ta' dawn it-tlett figuri, li jirriflettu r-rata tal-kambju prevalenti fid-dati dikjarati, huwa ta' **€28,568.79**.

- **HPCom** tħallset total ta' €8,678.70 (Rappreżentanti t-total ta' €1,776 dikjarat li ġie mħallas fl-24 ta' Ġunju 2003 u €6,902.70 dikjarat li ġie mħallas fil-21 ta' Settembru 2004);

- **Audio Visual Centre Limited** tħallset total ta' LM3,043.85 (ekwivalenti għal €7,084.26)[42]dikjarat li ġie mħallas fl-10 ta' Ġunju 2003);

- **Haagse Hogeschool** tħallset total ta' €2,400.10 (dikjarat li ġie mħallas fl-24 ta' Ġunju 2003);

Illi minn dan kollu jirriżulta li għalkemm id-dikjarazzjoni magħmula minn Antoine Gambin lil EACEA hija veritiera fir-rigward ta' HPCom, id-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-partners l-oħrajn huma għal kollox skorretti u inveritiera. Filfatt, is-segwenti differenzi jirriżultaw:

- **Education Software Products**, ġie dikjarat li tħallsu £7,596.58 (ekwivalenti għal €11,007.45)[43] <u>aktar</u> milli filfatt tħallsu;

- **Galassi Distribuzioni** ġie dikjarat li tħallsu €11,943.02 <u>aktar</u> milli filfatt tħallsu;

- **Audio Visual Centre Limited** ġie dikjarat li tħallsu LM 1,770.85 (ekwivalenti għal €4,124.97)[44] <u>aktar</u> milli filfatt tħallsu;

- **Haagse Hogeschool** ġie dikjarat li tħallsu €2,400 <u>aktar</u> milli filfatt tħallsu;

---

[42] Ir-rata tal-kambju fl-19 ta' Ġunju 2003 tal-Ewro kien ta' 2.3274. Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

[43] Konvertiti għad-denominazzjoni tal-Ewro għall-valur tad-data tas-sottomissjoni tar-rapport, abbażi tar-rati tal-kambju pubblikati mill-Bank of England (rata miksuba minn https://www.poundsterlinglive.com/bank-of-england-spot/historical-spot-exchange-rates/gbp/GBP-to-EUR-2005).

[44] Ir-rata tal-kambju tal-Ewro fid-29 ta' Lulju 2005 (id-data tas-sottomissjoni tar-rapport) kien ta' 0.4293, Sors: Bank Ċentrali ta' Malta, żur il-ħolqa https://www.centralbankmalta.org/historic-exchange-rates

- **Università ta' Malta** ġie dikjarat li tħallsu LM6,392.51[45] (ekwivalenti għal €14,890.54)[46] aktar milli fifatt tħallsu;

Illi b'hekk minn dan jirriżulta li b'kollox, l-akkużat irċieva madwar €44,365.98 aktar milli fil-fatt ħallas lill-partners.

Illi di più, ħareġ mill-provi wkoll li ċerta partners, bħal Galassi Distribuzione, Education Software Products u HPCom waqfu ħesrem il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proġett peress li ħasbu li ntilef l-interess. Fir-rapport finali msemmi, mandanakollu, dawn l-istess partners baqgħu indikati bħala li huma attivi fil-proġett, tant li fit-tabella "Table 3.2 Breakdown of the costs and Community Grant within the Partnership"[47] qed jiġi indikat li għad iridu jirċievu xi fondi taħt l-intestatura "Community Grant to be received (B)".

Ikkonsidrat;

Illi mill-audit li sar minn Moore Stephens, l-awditur irrileva illi l-akkużat ma kienx f'posizzjoni li jippreżenta d-dokumenti ta' support rigward l-allegati pagamenti li sostna li għamel. Filfatt, fl-intervista rilaxxata lill-uffiċjali ta' OLAF hu jgħid li dawn id-dokumenti qegħdin f'kaxxa miżmuma minn Patrizia Cipolla, sid il-fond li kien jikri f'Foligno.[48] Qal li diġà għamel komunikazzjoni magħha fir-rigward tagħhom. Aktar tard fl-istess intervista hu jgħid ukoll li dak iż-żmien kien jaħdem mad-ditta Taljana COJFA u li minħabba esperjenza ħażina li kellu telaq minn hemm bl-għaġla. Qal li ħalla warajħ numru ta' dokumenti li ma ġewx ritornati lilu. Qal li dak iż-żmien m'għamilx rapport lil pulizija.[49]

---

[45] Dan l-ammont jirrappreżenta s-somma t-total ta' LM4,591.49 dikjarata li tħallset lill-Università ta' Malta u s-somma ta' LM 2,873.02 dikjarata li tħallset lil Teacher's Resource Centre, mnaqqas minnhom il-pagament ta' LM1,072 kif sopra indikat.

[46] Ara footnote 44 hawn fuq.

[47] Ara fol. 287 tal-atti proċesswali.

[48] Ara fol. 23 tal-atti proċesswali.

[49] Ara fol. 24 – 25 tal-atti proċesswali.

Illi din il-verżjoni tikkontrasta ma dak li xehed Antoine Gambin stess in kontro-eżami[50] fejn qal li Foligno kellu ftit dokumenti, peress li l-bulk kienu baqgħu hawn Malta. Illi skont ma xehed l-investigatur ta' OLAF Biagio Fiorito fit-12 ta' Marzu 2015[51] meta kienu f'Malta, huma marru flimkien ma' l-uffiċjali tal-pulizija biex jagħmlu tfittxija fl-indirizz uffiċjali ta' Metis Company Limited f'Tas-Sliema. Hemmhekk ma fetaħ ħadd u marru jagħmlu tfittxija f'fond ieħor. Hemm sabu lil Antoine Gambin li fetħilhom u kkowopera magħhom. Qalilhom li ma kellux dokumenti hemm iżda mit-tfittxija li għamlu l-uffiċjali tal-Pulizija sabu diversi dokumenti f'dak il-fond, inkluża d-Debit Note maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. In kontro-eżami, Antoine Gambin qal ukoll li COGFA, ċioè ma min kien qed jaħdem, kienu qed ikunu antipatiċi miegħu u ma ħallewhx jieħu l-karti miegħu u dan meta kienu jafu li kellu bżonnhom. Jikkonferma wkoll li s-sid tal-propjetà fejn kien jirrisjedi f'Foligno kienet remietlu kollox. Qal ukoll li d-dokumenti li kellu, inklużi t-time sheets, kien issottomettihom diġà lil EACEA fl-*interim report* u li ma kellux kopji oħra.

Illi l-Qorti qed issibha diffiċli ferm temmen l-verżjoni mogħtija minn Antoine Gambin, ċioè li hu kellu d-dokumentazzjoni kollha iżda din ġiet *in parte* distrutta f'Foligno u *in parte* miżmuma minn COGFA. Il-Qorti tqis li kieku dawn id-dokumenti kienu tassew jeżistu, anke jekk stess mhux aċċessibbli, mid-data ta' meta sar l-audit, [ċioè fis-27 ta' Novembru 2006] sa' meta xehed quddiem din il-Qorti l-ewwel darba [fid-19 ta' Ġunju 2020], hu kellu biżżejjed ċans biex jirkupra mill-partners id-dokumenti li allegatament ġew distrutti. Din l-osservazzjoni tingħata aktar piż bil-fatt li meta l-investigaturi ta' OLAF staqsewh fl-intervista datata 16 ta' Novembru 2011 dwar jekk ittentax jirkupra dawn id-dokumenti, hu rrisponda "*I now know I should have done so, but at the time I did not react*".[52] Illi anke jekk stess il-Qorti tieħu d-data tas-16 ta' Novembru 2011 bħala d-data ta' meta hu rrealizza li kellu jikkomunika mal-partners biex jikseb l-informazzjoni, hu xorta baqa' passiv u ma ppreżenta ebda dokument għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Għalkemm hu jgħid li d-

[50] Ara fol. 994 et seq. tal-atti proċesswali.
[51] Ara fol. 304 tal-atti proċesswali.
[52] Ara fol. 24 tal-atti proċesswali.

dokumenti kien għaddihom lill-Kummissjoni Ewropea ma' l-*interim report*, l-anqas hawnhekk ma jirriżulta li b'xi mod ipprova jikseb id-dokumenti li, tal-inqas, ikopru dak il-perjodu la mill-istess Kummissjoni Ewropea u lanqas mill-partners tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi Antoine Gambin qiegħed jiġi akkużat, fost l-oħrajn, bir-reat ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif inhu risaput, il-falsità fil-liġi nostrana tieħu waħda minn żewġ forom: il-falsità materjali jew il-falsità ideoloġika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Pulizija v. Paul Galea**[53] fejn ġie ritenut illi:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op, cit., p. 4 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista'*

[53] **Pulizija v. Paul Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali, 17 ta' Ottubru 1997.

> *jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista’ jieħu imqar temporanejament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, ecc.”*

Illi fil-każ odjern, ma tressqet ebda prova li r-rapport finali preżentat u ffirmat minn Antoine Gambin u Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli) huwa dokument li *per se* ġie falsifikat fl-essenza tiegħu. B’hekk jirriżulta ampju li d-dokument huwa wieħed ġenwin u kwindi ma seħħet ebda falsità materjali fih.

Mhux l-istess jista’ jingħad, madanakollu, għall-kontenut tiegħu. Illi l-Qorti Kriminali, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Roderick Camilleri u Anthony Mangion**[54] irriteniet illi:

> *“158. Il-pern tal-falz ideoloġiku allura huwa l-fatt li d-dokument ikun qiegħed jingħad fih fatti li jkunu inveritjieri; li ma jikkorrispondux mal-verita storika u fattwali; li allura l-aġent jistqarr fatti li jkun jaf li ma jkunux totalment jew parzjalment veri. Fi ftit kliem l-awtur iġiegħel lid-dokument jgħid fatti li huwa jkun jaf li ma jkunux jikkorrispondu mija fil-mija ma’ dak li jkun verament seħħ fir-realta. Ikun jaf li ma jkunx qed jgħid is-sewwa kollu mija fil-mija lill-awtorita pubblika, u minkejja dan, jagħżel li jagħmel dik id-dikjarazzjoni tiegħu. Id-dokument allura jiġi li jkun qed jirrapreżenta bħala fatt veru dak li fil-verita ma jkunx fatt veru: jew kollu kemm hu jew f’aspetti oħra tiegħu.”*

Illi mill-eżami tal-fatti kif hawn fuq esposti jirriżulta li r-rapport finali preżentat minn Metis Company Limited lil EACEA, iffirmat minn Antoine Gambin u Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli) jikkontjeni dikjarazzjonijiet ta’ pagamenti lill-partners li huma ferm ogħla minn dawk li rriżultaw li tħallsu mill-kontijiet bankarji jew mix-xhieda prodotta. Ma tressqet ebda prova, imqar fuq bażi ta’ probabilità, li din id-differenza effettivament tħallset lill-partners. Dan ifisser li d-dokument, għalkemm wieħed materjalment ġenwin, jikkontjeni

[54] **Il-Pulizija vs Roderick Camilleri u Anthony Mangion**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta’ Lulju 2022.

dikjarazzjonijiet foloz u li jmorru lilhinn mill-verità u li b'hekk jammontaw għal falsità ideoloġika kif hawn fuq deskritt.

Illi di più, irriżulta wkoll mill-provi li Antoine Gambin kien il-bniedem li ħa ħsieb jirrediġi u jissottometti r-rapport finali ma EACEA. Hu kien il-persuna li kellu l-immaniġġjar u t-tmexxija ta' dan il-proġett. B'hekk huwa pależement ċar li l-akkużat kien konsapevoli tad-dikjarazzjonijiet magħmulha minnu stess fir-rapport u li dawn ma kienux jirrispekkjaw il-verità.

Illi rriżulta wkoll li Antoine Gambin, tramite d-dikjarazzjonijiet magħmulha fir-rapport hawn imsemmi, rċieva pagament globali ta' €174.012 mill-EACEA. Ġie ppruvat li dawn il-fondi daħlu fil-kont bankarju ta' Metis Company Limited, liema kont kellha l-kontroll tiegħu Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli).

Illi l-akkużat jargumenta li peress li l-proġett sar u tħallas u b'hekk ġie approvat mil-EACEA, jekk talvolta seta' kien hemm xi pagamenti dovuti, dawn huma kwistjoni ta' bejn il-partners. Il-Qorti ma tarax siwi f'dan l-argument. Illi għalkemm ġie pprovat li l-proġett sar fil-maġġor parti tiegħu [għajr għal-parti żgħira li intitolat lil EACEA żżomm madwar €15,000 mill-pagament finali] ma jfissirx li l-applikazzjoni għall-finanzjament ma ġietx mressqa frawdolentement. Irriżulta li l-eżami li jsir mill-EACEA huwa fir-rigward ta' jekk twettaqx il-proġett mentri fir-rigward tal-aspett veritier tal-kontabilità tal-proġett hi tappunta awdituri esterni sabiex iwettqu dan ix-xogħol, <u>wara</u> li l-proġett ikun ġie finalizzat u mħallas. Ma tressqet ebda prova li l-pagament finali isir abbażi ta' kwittanza assoluta ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-proġett u b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-EACEA approvat u ħallset l-aħħar porzjon ma jfisser assolutament xejn rigward il-veraċità *o meno* tad-dikjarazzjonijiet sottomessi mill-akkużat.

Illi fil-fehma tal-Qorti, bil-fatti li (i) r-rapport kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet ideoloġikamenti foloz, (ii) ġie sottomess lill-EACEA u (iii) inkiseb vantaġġ monetarju li bbenefikaw minnu Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli) u l-istess akkużat, l-elementi kollha tal-Artikolu 188(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta'

Malta ġew ampjament sodisfatti u b'hekk, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova, lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, din ir-raba' akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi l-prosekuzzjoni akkużat ukoll lil Antoine Gambin bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioè r-reat ta' każijiet oħra ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti foloz. Illi dan l-Artikolu jgħid testwalment hekk:

> *"**189**. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn <u>xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu</u>, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena."* (sottolinear tal-Qort).

Illi jirriżulta ampju mid-diċitura tal-istess Artikolu li jekk persuna tinstab ħatja ta' kwalunkwe reat ieħor taħt dak is-subtitolu, allura ma tistax tinstab ħtija wkoll fl-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser li l-Artikolu 189 huwa alternattiv għar-reati l-oħra msemmija taħt l-istess subtitolu.

B'hekk, ladarba li l-elementi tal-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali ġew ampjament sodisfatti sal-grad rikjest mil-liġi, l-Qorti ma tistax issib ħtija wkoll f'dan l-artikolu u b'hekk qed tilliberah minn din il-ħames akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi Antoine Gambin ġie akkużat ukoll bil-ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minkejja li d-dati indikati mill-prosekuzzjoni huma "fl-24 ta' Novembru 2011 u fis-snin ta'qabel", mill-provi prodotti jirriżulta li effettivament ir-reati odjerni seħħew fid-29 ta' Lulju 2005, ċioè d-data ta' meta ġie sottomess ir-rapport finali lil EACEA. Illi dan l-Artikolu ġie emendat permezz tal-Att XXIV

tal-2014 u b'hekk il-Qorti għandha tibbaża fuq l-Artikolu kif kien fiż-żmien ta' meta seħħew dawn l-allegati reati. Dan l-artikolu, kien jaqra testwalment hekk:-

> *"**308.** Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta'priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-elementi ta' dan l-Artikolu ġew esposti dettaljatament fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Charles Zarb**,[55] fejn ġie ritenut illi:

> *"Skont ġurisprudenza kostanti li din il-qorti kif ippreseduta taqbel magħha, l-ingredjenti ta' l-elementi materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li ġejjin;*
>
> *Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.*
>
> *Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel;*
>
> *Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
>
> *a. b'mezzi kontra l-liġi, jew*
> *b. billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
> *c. ta' kwalifiki foloz jew*

[55] **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Frar 1993

*d. billi jinqeda b'qerq ieħor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,*

*ġ. jew ta' ħila*

*h. setgħa fuq ħaddiehor jew*

*i. ta' krediti immaġinarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddiehor*."

Illi f'din l-istess sentenza, il-Qorti kompliet billi tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Mejju 1957 fl-ismijiet Rex vs Vittorio Azzopardi (Vol. XXIX.IV p.398) fejn fiha hemm spjegat li "*hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi*."

Tkompli tgħid l-istess sentenza:

> *"Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta din il-Qorti speċjalment. Hekk, l-Imħallef W. Harding tas-27 ta' Mejju 1944 in re Il-Pulizija vs Nikol Bonnici qal "il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha .... waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taħt l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*

*Il-mibki Imħallef Ġużè Flores fil-kawża Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruħu kif ġej: "Għar-reat ta' truffa kkontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodiċi Kriminali kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti dawk l-esterjorità ta' verità kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franciz mise-en-scene...*

*….Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċjoè' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tieghu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddiehor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta'l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo;"*

Illi din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza **Pulizija vs George Manicolo**[56] fejn ġie ritenut illi:

*"Illi il-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzonier, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi*

[56] **Pulizija vs George Manicolo**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Lulju 1998

*u kredibilità lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista; jieħu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimmpressjonaw bniedem ta' intelliġenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif hemm indikati fil-fuq kwotat artikolu 308 tal-Kap. 9. Irid ikun hemm il-messa in xena u għalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti."*

Illi fil-każ in eżami, kif diġà spjegat, l-EACEA ħallset is-somma msemmija abbażi tad-dikjarazzjonijiet foloz magħmulha fir-rapport finali sottomess lilha. Ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti li l-akkużat irrinforza d-dikjarazzjonijiet msemmija b'xi apparat estern, bħal per eżempju fatturi jew dikjarazzjonijiet foloz li setgħu ġew sottomessi lil EACEA. F'dan ir-rigward, l-akkużat għandu raġun jargumenta illi ma seħħet ebda ġrajja kimerika jew intużaw raġġiri jew artifizji li l-EACEA qajmula sentimenti kif indikati fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9.

Dan, però, ma jfissirx li l-akkużat ma għamilx qliegħ b'qerq.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontrih hija pernjata fuql-Artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li, meta seħħew r-reati *de quo*, kien jaqra testwalment hekk:-

*"**309.** Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur."*

Illi għar-rigward ta' dan ir-reat, il-Qorti ser tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza **il-Pulizija vs Marvin Pavia**:[57]

[57] **il-Pulizija vs Marvin Pavia**, Qorti tal-Maġistrati, 23 ta' Ġunju 2010.

> *"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbagħad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi għar-rigward ta' dana ir-reat, għalkemm l-element tar-"raġġiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għal kummissjoni ta' dana ir-reat, iżda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Illi l-elementi ta' dan ir-reat, fis-sempliċità tagħhom jeħtieġu li s-suġġett attiv igawdi qliegħ patrimonjali għad-dannu tas-suġġett passiv, liema qliegħ ikun riżultat dirett ta' qerq adoperat mis-suġġett attiv u li ma jkunx jaqa' taħt xi weħed mill-artikoli inklużi fis-sub-titolu.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta ampju li l-EACEA sofriet telf patrimonjali billi ħallset lill-akkużat ferm aktar minn dak li kien dovut għal dan il-proġett u dan b'riżultat dirett tal-gideb adoperat mill-akkużat fid-dikjarazzjoni tiegħu. Illi kif indikat aktar 'l-fuq, il-pagamenti indikati mill-akkużat fir-rapport finali huma ogħla minn dawk effettivament mħallsa. Di più, hemm partners li lanqas biss ħarġu fattura jew tħallsu għal xogħolhom, iżda li xorta ġew indikati fir-rapport finali.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-aġir adoperat mill-akkużat u r-riżultat miksub minn tali aġir jissodisfa pjenament l-elementi ta' dan l-artikolu u b'hekk tirriżulta r-reità għal din it-tieni akkuża.

Illi stabbilita r-reità, il-Qorti ser tgħaddi biex tapplika l-gravam tal-Artikolu 310 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ *de quo*. Illi kif hawn fuq stabbilit, l-akkużat tħallas is-somma ta' €44,365.98 aktar minn dak li effettivament ħallas biex b'hekk għandu japplika d-dispost tal-Artikolu 310(a) li, fiż-żmien meta seħħ ir-reat, kien jaqra hekk:-

> *"**310.** (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-Sub-titolu-*

> *(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elf lira, il-piena tkun ta’priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin;*

Ikkonsidrat;

Illi finalment, il-prosekuzzjoni akkużat lil Antoine Gambin bir-reat ta’ approprjazzjoni indebita u bi ksur tal-Artikolu 293 u 204 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi mill-provi rriżulta li xi partners baqgħu ma tħallsux tax-xogħol li wettqu. Filfatt, l-istess akkużat jgħid in kontro-eżami li sa fejn jaf hu, il-kumpanija Ingliża jonqosha tieħu madwar £4,000.[58] Illi għalkemm għandu raġun l-akkużat jgħid illi jekk talvolta hemm xi flus x’jitħallsu, dawn huma xi ħaġa ta’ bejniethom u din il-Qorti m’għandix tidħol fiha, irriżulta ampju mill-bank statements li dawn kienu qed jitħaddmu kważi esklussivament fuq il-fondi riċevuti. Irriżulta wkoll li l-bank statements kienu qed jitħaddmu minn Michelle Gialanzè (ġja Caruana Dingli) u li l-fondi ntużaw għal skopijiet għall-kollox differenti mit-twettiq tal-proġett.

Illi f’dan ir-rigward, madanakollu, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri (Monreal)**[59] fejn jingħad illi:

> *“Dan allura juri li fl-istess fatt ġuridiku ma jistax ikun hemm reita kontemporanja kemm għal truffa jew frode innominata kif ukoll ta’ approprjazzjoni indebita. Jekk il-flus jew oġġetti jkunu għaddew mingħand is-suġġett passiv għand is-suġġett attiv bil-mezz tal-ingann jista’ jkun hemm truffa jew frode innominata, iżda mhux ukoll approprjazzjoni indebita; u dan peress li l-passaġġ tal-flus jew oġġetti oħra, għall-fini tal-integrazzjoni tal-approprjazzjoni indebita, jridu jkunu għaddew mingħajr l-ingann. F’dan is-sens allura l-eżistenza tat-truffa*

[58] Ara fol. 974 tal-atti proċesswali.
[59] **Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri (Monreal)**, Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta’ Settembru 2002.

> *jew frode innominata teskludi l-approprjazzjoni indebita u vice versa in kwantu f'dak is-sens ma humiex legalment kompatibbli."*

Illi applikat għall-każ in diżamina, rriżulta li l-pagament minn EACEA sar abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u figuri qarrieqa. Effettivament, allura, l-pagament għadda minn EACEA għal għand l-akkużat bil-mezz tal-ingann adoperat mill-istess akkużat.

B'hekk, il-Qorti ma tistax issib ħtija fit-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti ġiet mitluba wkoll tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rriżulta mill-atti proċesswali li dawn ir-reati ma seħħewx fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat, li għalih kien ingħata warrant mill-President ta' Malta, iżda saru fil-qafas ta' attività kummerċjali li għaliha ma jinħtieġx li jkollok warrant, liċenza kew permess.

B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, m'hemmx l-ingredjenti legali sabiex jiġi applikat dan l-artikolu.

Ikkonsidrat;

Illi għall-finijiet ta' piena, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti sejra tqis l-ammont sostanzjali ta' qliegħ li għamel l-akkużat bħala riżultat tar-reat *de quo.* Ser tqis ukoll li l-akkużat kellu opportunità li jirraddriza l-posizzjoni tiegħu waqt li kien qed isir l-audit billi jippreżenta d-dokumentazzjoni iżda dana m'għamlux. Filfatt hu kien wiegħed lill-awditur li ser jipprovdilhom id-dokumentazzjoni kollha iżda dan qatt ma għamlu.

Ser tqis ukoll li finalment il-proġett, fil-maġġor parti tiegħu, twettaq bil-ħidma tal-partners li, wħud minnhom għadhom qed jistennew il-pagamenti peress li miż-żmien tal-pagamenti kif indikati f'din is-sentenza, l-akkużat ma għamel ebda pagament ieħor lill-partners.

Il-Qorti sejra tqis ukoll li minkejja li l-akkużat irċieva d-debit note mill-Kummissjoni Ewropea qabel ma nbdiet l-investigazzjoni mill-OLAF, huwa ma pprova jagħmel ebda komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea minkejja li kellu l-modi ta' kif seta' jikkomunika magħhom[60] u lanqas ma għamel pagament fuqha.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti se tqis ukoll li l-akkużat ikkowopera kemm mal-awdituri, mal-uffiċjali ta' OLAF kif ukoll mal-uffiċjali tal-pulizija.

Illi finalment il-Qorti tagħmilha ċara li kwalunkwe kalkolu u/jew osservazzjoni li saret f'din is-sentenza saret biss għall-finijiet ta' stħarriġ tar-reità *o meno* tal-akkużat. M'huwiex il-kompitu u lanqas il-kompetenza ta' din il-Qorti li b'xi mod tirrevedi l-konklużjonijiet raġġunti mil-EACEA u/jew mill-Kummissjoni Ewropea rigward somom dovuti lilhom mill-akkużat u kwalunkwe reviżjoni ta' dawk is-somom jista' jsir f'fora oħrajn kemm-il darba dan huwa permessibli li jsir. Din is-sentenza hija mingħajr ebda preġudizzju għad-Debit Note maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea jew għall-kontenut tagħha u għall-konklużjonijiet raġġunti mill-awdituri fl-istħarriġ minnhom mwettaq u/jew l-konklużjonijiet minnhom raġġunti.

**Deċide,**

Għaldaqstant, għall-motivi hawn fuq spjegati, il-Qorti wara li rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Antoine Gambin u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 30(1)(a), 31, 188(1)(2), 189, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kap. 9 qed issib lill-istess Antoine Gambin **ħati** tat-tieni u r-raba' akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu

[60] Ara x-xhieda ta' Biagio Fiorito a fol. 301 tal-atti proċesswali.

u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **tlett (3) snin** priġunerija effettivi filwaqt li **tilliberaħ** mill-akkużi rimanenti.

Finalment, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura waqt il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**